Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,477, 28 ta' Lulju, 2025
Taqsima B

A.L. 150 tal-2025

ATT DWAR L-AGRIKOLTURA
(KAP. 639)

Regolamenti tal-2025 dwar il-Protezzjoni tal-Art Agrikola

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7 tal-Att dwar l-Agrikoltura, il-Ministru responsabbli għall-agrikoltura u l-affarijiet rurali, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin: -

Titolu, għan u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 dwar il-Protezzjoni tal-Art Agrikola.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jiġu stabbiliti miżuri u proċessi sabiex l-art agrikola tiġi salvagwardjata mill-ħsara, sabiex tiġi promossa l-vijabilità agronomika u sabiex jiġu stabbiliti l-miżuri agronomiċi minimi meħtieġa sabiex jiġi żgurat li l-art agrikola tiġi sostnuta b'mod adegwat għal skopijiet agrikoli.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mill-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta:

Iżda r-regolament 9 għandu jidħol fis-seħħ fi żmien sena (1) mill-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti fil-Gazzetta.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra:

"art agrikola" tfisser kwalunkwe art barra l-limiti tal-konfini taż-żona tal-iżvilupp skont il-liġijiet, il-pjanijiet u l-politiki tal-ippjanar tal-iżvilupp, li tista' ssostni attività agrikola inkluż it-tkabbir ta' għelejjel, fjuri, siġar tal-frott jew dwieli għal skopijiet agrikoli relatati, inkluż it-twaqqif ta' serer, cloches jew cold frames;

"Att" tfisser l-Att dwar l-Agrikoltura; Kap. 639.

"biċċa raba'" tfisser unità ta' art agrikola sħiħa definita b'mod ċar u li ma jkollha l-ebda spazju għaddej minnha, kif identifikata u mqassma skont ir-regolament 3(4);

"Direttur" tfisser id-Direttur responsabbli għall-agrikoltura u tinkludi, sal-grad tal-awtorità mogħtija, kwalunkwe uffiċjal awtorizzat minnu bil-miktub, sabiex jaġixxi f'ismu għal kwalunkwe mill-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti;

Verżjoni Elettronika

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-agrikoltura;

"pjan tal-għelejjel" tfisser pjan tal-għelejjel li għandhom jiġu kkultivati matul sena agrikola, kif sottomess lid-Direttur;

"reġistru" tfisser reġistru tal-art agrikola bid-dettalji relevanti inkluż dettalji tal-bdiewa li jaħdmu dik l-art u li għandu jinżamm mid-Direttur;

L.S. 595.48.

"Riżorsi Agrikoli Malta" tfisser l-Aġenzija Riżorsi Agrikoli Malta stabbilita bl-Ordni li jwaqqaf Riżorsi Agrikoli Malta bħala Aġenzija;

"sena agrikola" tfisser il-perjodu bejn l-1 ta' Settembru u l-31 ta' Awwissu ta' kull sena kalendarja, iż-żewġ dati inklużi.

(2) Sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra, il-kliem u l-frażijiet l-oħra kollha użati f'dawn ir-regolamenti għandu jkollhom l-istess tifsira kif mogħti lilhom fl-Att.

Reġistrazzjoni ta' art agrikola.

3. (1) Id-Direttur għandu jżomm reġistru b' informazzjoni li għandha tkun ġestita u pproċessata skont il-liġijiet kollha applikabbli għall-protezzjoni tad-data u l-privatezza.

(2) Il-bdiewa jew detenturi ta' titolu validu għandhom jirreġistraw l-art agrikola skont dawn ir-regolamenti:

Iżda l-bdiewa li jkunu diġà involuti f'attività agrikola għandhom jirreġistraw tali art agrikola fi żmien sitt (6) xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda wkoll mar-reġistrazzjoni tagħhom il-bdiewa jew detenturi ta' titolu validu għandhom jipprovdu lid-Direttur bl-indirizz postali tagħhom u kwalunkwe rekwiżit ta' notifika skont dawn ir-regolamenti għandu jitqies sodisfatt jekk issir notifika f'tali indirizz.

(3) Kwalunkwe ħaġa magħmula mid-Direttur fil-konsiderazzjoni ta' applikazzjoni għal reġistrazzjoni skont dawn ir-regolamenti u l-aċċettazzjoni jew r-rifjut ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' art agrikola skont dawn ir-regolamenti ma għandhiex tagħti, tirrikonoxxi jew tikkonferma kwalunkwe drittijiet personali jew reali fuq tali art agrikola li tista' tippreġudika drittijiet ta' partijiet terzi, u kull dikjarazzjoni f'applikazzjoni jew deċiżjoni tad-Direttur skont dawn ir-regolamenti għandu jkollha effett biss għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti.

Verżjoni Elettronika

(4) L-art agrikola għandha tiġi reġistrata u mqassma f'biċċiet ta' raba' mid-Direttur skont l-iskop ta' dawn ir-regolamenti.

Pjan tal-għelejjel.

4. Mar-reġistrazzjoni tal-art agrikola l-bdiewa jew detenturi ta' titolu validu għandhom jissottomettu pjan tal-għelejjel lid-Direttur, li jipprovdi dettalji dwar l-attività agrikola tagħhom għal sena (1) agrikola jew aktar:

Iżda d-Direttur jista' joħroġ struzzjonijiet li għandhom jiġu segwiti fis-sottomissjoni ta' pjan tal-għelejjel, jew jipprovdi formoli jew tipi oħra ta' dokumenti fuq is-sit elettroniku tal-Ministeru responsabbli mill-agrikoltura, li għandhom jintużaw għall-finijiet ta' dan ir-regolament.

Manteniment ta' art agrikola.

5. Il-bdiewa jew detenturi ta' titolu validu għandhom jiżguraw li kwalunkwe art agrikola li tifforma parti mill-azjenda agrikola tagħhom tiġi salvagwardjata minn kwalunkwe theddid u ħsara li jipperikolaw il-potenzjal naturali tal-produzzjoni ta' tali art agrikola, liema potenzjal għandu jiġi sostnut u mtejjeb matul is-snin. Il-bdiewa jew detenturi ta' titolu validu għandhom jiżguraw *inter alia* li:

(a) ma ssir l-ebda attività li trendi l-ħamrija mhux adattata għall-użu agrikolu, inkluż iżda mhux limitat għal dawn li ġejjin:

(i) it-taħlit tal-ħamrija mal-ġebel jew ma' kwalunkwe materjal ieħor li jwassal, jew li jista' jwassal għad-deterjorament tal-ħamrija;

(ii) il-kisi tal-ħamrija b'xi saff ta' konkos, ġebel, ċangaturi tal-ġebel jew xi materjal ieħor simili;

(iii) l-iddepożitar fuq il-ħamrija, jew jitħallew depożitati fuq il-ħamrija, kwalunkwe oġġett jew oġġetti li jkollhom daqs akbar minn żewġ (2) metri kwadri għal perjodu itwal minn tletin (30) ġurnata;

(iv) l-iddepożitar, jew li titħalla depożitata, kwalunkwe ħamrija b'tali mod li ma tkunx xierqa għall-użu f'attività agrikola; u

(v) il-kostruzzjoni ta' strutturi li mhumiex essenzjali għall-bżonnijiet tal-agrikultura ħlief jekk tali strutturi huma permessi skont il-politiki tal-ippjanar applikabbli;

(b) ma jintużax makkinarju agrikolu u, jew makkinarju tqil meta l-ħamrija tkun mifqugħa bl-ilma;

Verżjoni Elettronika

(ċ) it-tgħaffiġ bla bżonn tal-ħamrija b'makkinarju tqil jew vetturi jkun ipprojbit;

(d) il-ħaxix maqtugħ u l-fdalijiet tal-ħaxix ma għandhomx jinħarqu fuq il-ħamrija f'żoni akbar minn għaxar (10) metri kwadri għal kull tomna art, ħlief b'ordni ta' awtorità kompetenti.

Attività minima fuq art agrikola.

6. Il-livell minimu ta' attività agrikola skont il-Politika Agrikola Komuni tal-Unjoni Ewropea għandu jitwettaq fuq kull art agrikola:

Iżda dak il-livell minimu ta' attività agrikola għandu dejjem jinkludi li tali art agrikola tinżamm fi stat tajjeb għall-kultivazzjoni, u li l-art agrikola għandha tinħarat almenu darba fis-sena:

Iżda wkoll jekk fl-art agrikola jkun hemm is-siġar, tali siġar għandhom jinżammu f'kundizzjoni agrikola tajba:

Iżda wkoll dan ir-regolament ma għandux japplika jekk art agrikola titħawwel bi speċi selvaġġi ta' pjanti bħala parti minn miżura agroambjentali ffinanzjata permezz ta' fondi nazzjonali jew tal-Unjoni Ewropea.

Obbligi addizzjonali.

7. Bil-għan li tiġi limitata jew evitata d-degradazzjoni tal-art agrikola l-Ministru, b'konsultazzjoni mad-Direttur, jista' jippreskrivi obbligi temporanji addizzjonali, miżuri ta' emerġenza u, jew rekwiżiti kif jistgħu jiġu pubblikati b'avviż fil-Gazzetta.

Attività mhux agrikola.

8. L-użu ta' art agrikola għal attivitajiet mhux agrikoli ma għandux jinterferixxi ma' attivitajiet agrikoli li jistgħu jitwettqu skont ir-regolament 6 jew jikkawżaw xi degradazzjoni ambjentali:

Iżda kull attività mhux agrikola fuq art agrikola għandha tkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u kwalunkwe obbligu ieħor skont il-liġi.

Art mhux reġistrata.

9. (1) F'każijiet li art agrikola ma tkunx reġistrata taħt xi persuna, id-Direttur għandu jwaħħal avviż fis-sit tal-art agrikola kif ukoll jippubblika avviż tal-Gvern li bih jordna li kwalunkwe persuna li għandha interess f'tali art agrikola għandha tiddikjara u tiddeskrivi dak l-interess lid-Direttur fi żmien tliet (3) xhur mill-imsemmija pubblikazzjoni, u jekk ma ssir l-ebda dikjarazzjoni d-Direttur għandu jitlob lil Riżorsi Agrikoli Malta tirreġistra l-art agrikola f'isimha u bis-saħħa ta' tali reġistrazzjoni Rizorsi Agrikoli Malta għandha takkwista l-pussess effettiv ta' tali art agrikola u għandu jkollha s-setgħa li tallokaha għal attività agrikola:

Verżjoni Elettronika

Iżda jekk jiġi pprovat titolu validu fuq dik l-art agrikola għas-sodisfazzjon tad-Direttur, huwa għandu jikkanċella r-reġistrazzjoni tal-art minn fuq Riżorsi Agrikoli Malta sal-aħħar tas-sena agrikola li fiha jkun ġie stabbilit titolu validu u jirreġistraha favur id-detentur tat-titolu:

Iżda wkoll kwalunkwe reġistrazzjoni skont il-proviso preċedenti għandha issir biss effettiva jekk kull multa, miżata jew debitu ieħor skont dawn ir-regolamenti jiġu saldati mid-detentur tat-titolu.

(2) Riżorsi Agrikoli Malta għandha tiġġestixxi l-art agrikola reġistrata favuriha skont is-subregolament (1) bħala *bonus pater familias*:

Iżda jekk tali art agrikola ma tibqax reġistrata fuq Riżorsi Agrikoli Malta sabiex tiġi reġistrata favur detentur ta' titolu validu skont is-subregolament (1), tali detentur tat-titolu għandu jikkompensa lil Riżorsi Agrikoli Malta għall-ispejjeż kollha magħmula għat-teħid tal-art agrikola u l-ġestjoni tal-istess, inklużi iżda mhux limitatament għall-spejjeż notarili, legali u fiskali, u l-ispejjeż għall-miljoramenti kollha magħmula minn Riżorsi Agrikoli Malta.

(3) Jekk detentur ta' titolu validu fuq art agrikola jipprova għas-sodisfazzjon tad-Direttur li:

(i) kien impossibbli għalih li jirreġistra l-art agrikola skont dawn ir-regolamenti; u

(ii) jobbliga ruħu li ser ikun qiegħed jaġixxi ta' bidwi jew iqabbad bidwi għal tali art agrikola ladarba tkun reġistrata f'ismu skont dawn ir-regolamenti,

huwa għandu jkollu dritt għall-ħlas ta' kwalunkwe ammont ekwivalenti miġbur minn Riżorsi Agrikoli Malta għal tali art agrikola mingħand terzi, eskluži l-ispejjeż skont is-subregolament (2), u tali ammont ekwivalenti għandu jitħallas lill-bidwi jew lid-detentur ta' titolu validu minn Riżorsi Agrikoli Malta.

Bejgħ ta' art agrikola.

10. Kwalunkwe riklamar li jippromwovi l-bejgħ ta' art agrikola għal finijiet oħra għajr dawk agrikoli huwa projbit.

Setgħat ġenerali tal-uffiċjali awtorizzati.

11. L-artikolu 8 tal-Att għandu japplika *mutatis mutandis* għall-finijiet tas-setgħat ġenerali ta' uffiċjali awtorizzati.

Miżuri f'każ ta' irregolaritajiet u ksur.

12. (1) F'każ li d-Direttur iqis li xi rekwiżit tar-regolament 5 ma jkunx qiegħed jiġi osservat minn bidwi jew detentur ta' titolu

Verżjoni Elettronika

validu, huwa jista' jordna li tittieħed azzjoni korrettiva b'ordni bil-miktub u d-dispożizzjonijiet tar-regolament 12(1) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għan-notifika ta' dak l-ordni.

(2) In-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' azzjoni korrettiva skont is-subregolament (1) għandu jitqies bħala reat kontra dan ir-regolament.

Avviż ta' twissija.

13. (1) Bla ħsara għar-regolament 12, f'każ li d-Direttur iqis li xi rekwiżit stipulat fir-regolamenti 4 sa 7 ma jkunx qiegħed jiġi osservat minn bidwi jew detentur ta' titolu validu, huwa jista' joħroġ avviż ta' twissija kontra tali bidwi jew detentur ta' titolu validu li għandu jintbagħat u jiġi kkonsenjat lil dawn tal-aħħar permezz tal-posta rreġistrata fl-indirizz postali indikat mill-bidwi jew detentur ta' titolu validu skont ir-regolament 3:

Iżda avviż ta' twissija għandu wkoll jitqies li ġie kkonsenjat jekk jiġi hekk kkonsenjat fiżikament lill-bidwi jew detentur ta' titolu validu minn uffiċjal awtorizzat:

Iżda wkoll il-proċedura stabbilita fl-artikolu 18 tal-Att għandha tapplika *mutatis mutandis* għan-notifika ta' avviż ta' twissija.

Iżda wkoll alternattivament, id-Direttur jista' jagħżel li joħroġ avviż ta' twissija b'ittra uffiċjali u n-notifika tagħhom għandha ssir skont il-liġi.

(2) L-avviż ta' twissija skont is-subregolament (1) għandu jistabbilixxi l-kondizzjonijiet meħtieġa mid-Direttur sabiex il-bidwi jew detentur ta' titolu validu jitqies konformi ma' dawn ir-regolamenti, u tali avviż ta' twissija għandu fost l-oħrajn jinkludi:

(a) id-data jew il-perjodi meta jkun hemm xi nuqqas mill-bidwi jew detentur ta' titolu validu u l-bażi legali għal tali nuqqas;

(b) il-fatti li jimmotivaw il-ħruġ tal-avviż ta' twissija;

(ċ) il-miżuri li l-bidwi jew detentur ta' titolu validu għandu jieħu sabiex jitqies konformi ma' dawn ir-regolamenti; u

(d) jekk applikabbli, il-perjodu ta' żmien li fih il-miżuri msemmija għandhom jiġu implimentati kif id-Direttur jista' jqis raġonevoli fiċ-ċirkostanzi, liema perjodu għandu jibda jiddekorri biss mid-data tan-notifika tal-avviż ta' twissija.

(3) Id-Direttur għandu jordna azzjoni korrettiva skont ir-regolament 12 kontra l-persuna li lilha jkun indirizzat l-avviż ta'

Verżjoni Elettronika

twissija jekk hija ma timplimentax il-miżuri msemmija fil-paragrafu (ċ) tas-subregolament (2) fil-perjodu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu (d) tal-istess subregolament.

Eżenzjonijiet.

14. Id-Direttur jista' jeżenta lil kwalunkwe persuna mill-obbligu ta' reġistrazzjoni ta' art agrikola skont dawn ir-regolamenti jekk tali persuna tipprova għas-sodisfazzjon tad-Direttur li hija ma tistax tirreġistra dik l-art agrikola jew ma tistax twettaq fuqha l-livell minimu ta' attività agrikola skont ir-regolament 6.

Reviżjoni ġudizzjarja.

Kap. 490.

15. Kull min iħossu aggravat b'deċiżjoni tad-Direttur skont dawn ir-regolamenti, jista' b'rikors jitlob reviżjoni ta' dik id-deċiżjoni lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont l-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva:

Iżda tali rikors għandu jiġi preżentat fi żmien għoxrin (20) jum min-notifika tad-deċiżjoni tad-Direttur.

Proċeduri quddiem il-Qorti.

16. (1) Il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għandha tkun kompetenti li tisma' u tiddetermina r-reati kollha skont dawn ir-regolamenti.

(2) Fi kwalunkwe proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati għal reat skont dawn ir-regolamenti, id-Direttur jew kwalunkwe uffiċjal, avukat jew prokuratur legali delegat mid-Direttur jista', flimkien mal-Pulizija Eżekuttiva, iressaq l-evidenza, jeżamina u jikkontroeżamina x-xhieda u jagħmel sottomissjonijiet dwar il-fatti u d-dritt.

(3) Dikjarazzjoni ġuramentata minn kwalunkwe uffiċjal, avukat jew prokuratur legali li huwa jkun ġie delegat kif provdut fis-subregolament (1) għandha tkun prova konklużiva tal-fatt, jekk prova ta' dan tkun meħtieġa mill-akkużat jew mill-Qorti.

Reati u multi.

17. (1) Kwalunkwe persuna għandha tkun ħatja ta' reat skont dawn ir-regolamenti jekk hija:

(a) tonqos milli tħares xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew xi ordni leġittimu mogħti bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti;

(b) intenzjonalment tfixkel jew tikkawża t-tfixkil ta' xi persuna li taġixxi fl-eżerċizzju xieraq tal-funzjonijiet tagħha skont dawn ir-regolamenti u, jew tonqos milli tippermetti spezzjoni awtorizzata skont dawn ir-regolamenti;

(ċ) mingħajr motivazzjoni raġonevoli, tonqos milli tagħti lil xi persuna li taġixxi fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha skont

Verżjoni Elettronika

dawn ir-regolamenti, kwalunkwe għajnuna jew informazzjoni li hija tista' tkun meħtieġa li tagħti skont dawn ir-regolamenti jew xi liġi oħra, jew tagħti informazzjoni falza jew qarrieqa;

(d) tassoċja ruħha ma', tgħin jew tassisti lil xi persuna oħra bi kwalunkwe mezz, inkluż reklamar, għoti ta' pariri jew akkwist, sabiex tikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew sabiex tonqos milli tikkonforma ma' tali dispożizzjonijiet, inkluż kwalunkwe ordni leġittimu mogħti skont kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jew sabiex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew rekwiżit impost minn, jew skont l-imsemmija regolamenti;

(e) tibdel, tiffalsifika, twettaq kontrafazzjoni jew teqred kwalunkwe dokument ippreżentat lil, jew maħruġ mid-Direttur skont dawn ir-regolamenti.

(2) Għandu wkoll jkun reat skont dawn ir-regolamenti meta xi uffiċjal awtorizzat jiżvela lil xi persuna xi informazzjoni dwar xi sigriet kummerċjali miksub minnu fil-qadi ta' dmirijietu, kemm-il darba l-iżvelar ma jkunx meħtieġ għall-qadi ta' dmirijietu u l-iżvelar ikun strettament limitat għal persuni jew awtoritajiet raġonevolment meħtieġa li jkunu jafu l-informazzjoni żvelata.

(3) Kwalunkwe persuna li tinstab ħatja ta' reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandha meta tinstab ħatja, teħel:

(a) mal-ewwel kundanna multa ta' mhux anqas minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux aktar minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500);

(b) mat-tieni kundanna jew kundanna sussegwenti, multa ta' mhux anqas minn elf u ħames mitt euro (€1,500) iżda mhux aktar minn ħdax-il elf euro (€11,000), jew għal multa kkalkolata fuq il-profitt magħmul mill-ħati bi ksur ta' dawn ir-regolamenti, liema minnhom tkun l-ogħla:

Iżda meta l-multa tiġi hekk kalkolata, fl-ebda każ ma tista' teċċedi ħames (5) darbiet il-profitt magħmul mill-ħati bi ksur ta' dawn ir-regolamenti.